## MONS. SALVATORE IMBROLL, PRELAT MALTI TA' L-ORDNI TA' SAN GWANN — (5)

# IL-MEWT TA' MONS. IMBROLL

Minn MICHAEL GALEA

**Mons. Salvatore Imbroll ħalla xogħlijiet ta' natura xjentifika u kitba utli li kienet ta' siwi lill-kappillani li kienu jakkompanjaw ix-xwieni ta' l-Ordni fuq l-ispedizzjonijiet tagħhom fl-ibħra tal-Mediterran.**

**Mons. Imbroll kien ħabrek ħafna biex titwaqqaf librerija fejn kellhom jinżammu l-kollezzjonijiet privati u għotjiet ta' kotba mħollijin lill-Knisja ta' San Ġwann minn kappillani konventwali u oħrajn. Tabilħaqq insibu li, fuq talba ta' l-Assemblea tal-Kappillani Konventwali, il-Granmastru Lascaris b'digriet tat-22 ta' Marzu 1649 waqqaf il-bibljoteka ta' San Ġwann (49), li kellha tkun il-bidu tal-Bibljoteka Nazzjonali li nafu llum. Mons. Imbroll, bħala l-Gran Prijur tal-knisja, kien innomina kappillan konventwali bħala bibljotekarju ta' dik il-librerija, li kienet tinsab fis-sala l-kbira fuq l-oratorju tal-knisja konventwali (50).**

Wara ħajja mimlija attivita' — *"uomo di grande ingegno, di molta probita', instancabile per i lavori, e di belli costumi"* (51) — il-Gran Prijur Mons. Fra Salvatore Imbroll miet fis-26 ta' Jannar 1650 fl-eta' ta' 60 sena. Jingħad li seta' miet avvelenat! — *"Non senza sospetto di veleno"* (52). B'danakollu jingħad ukoll li huwa miet minn marda kiefra li ħakmitu — *"una fiera infermita'"* (53).

Fin-nekroloġija li jagħti Dal Pozzo dwar Imbroll, huwa jikteb: *"Mori' Prior della Chiesa Fra Salvator Imbroll dopo un'infermita', che gli avea offeso il cervello, huomo di varia letteratura e molto stimato in Malta nella Scienza degli statuti e usi della Religione, onde scrisse diversi volumi intorno alle cose della medesima."* (54).

Assista għall-agunija tiegħu l-Patri Ġiżwita Sebastiano Salelles (55). Irċieva l-Vjatku fil-preżenza tal-Granmastru Lascaris u ħafna dinjitarji oħra ta' l-Ordni (56).

Il-mewt ta' Mons. Imbroll ġiebet luttu kbir fi ħdan l-Ordni — *"universale dispiacere"* (57).

Ġie midfun fil-korsija prinċipali qrib il-presbiterju fil-knisja konventwali ta' San Ġwann, dik l-istess knisja li huwa kien mexxa għal 25 sena. Il-qabar ta' Imbroll kien jinsab sewwasew maġenb dak tal-predeċessur tiegħu Pedro Urrea Camarasa.

Il-qabar huwa ssiġillat b'lapida ta' rħam maħduma f'mużajk artistiku li ġġib l-arma ġentilizja, baklu u mitra — simboli tal-kariga tiegħu ta' Gran Prijur.



Il-qabar ta' Mons. Salvatore Imbroll fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

D. O. M.
Melitensium Ingeniorum Phoenix
Illmus. Ac Revmus. D.F. Salvator Imbroll
Priorali Dignitate Insignis Jacet Hic:
Virum Eximiis Animi Dotibus Cumulatum
Omniq. Scientiarum Peritia
Versatissimum Viator Luge
Caeterum Legatione Ab Urb. VIII Egregie Functa
et Destinata
Ad Alios Christianos Principes
Talem Se Praebuit Qualem Vides Laudatum Postremo
Vigilantissimi Praesules
Partibus Impletis Studiorum Assiduitate Potius
Quam Senio Confectus
Ad Capitolium Aeternae Sapientiae
Convolavit MDCL. Die XXVI Jan. Aeta. LX.
FF. Carolus Michallef, Salvator Imbroll
et Publius Theuma
Nepotes Moerentes Merenti Posuere.

### IL-LAPIDA FUQ QABRU

Epitaffju bil-Latin ifakkar is-servizzi tiegħu nobbli u pubbliċi, kif ukoll il-virtujiet li kienu jżejnuh.

Fl-Universita' ta' l-Istudji l-antika kien jeżisti kwadru ta' Mons. Imbroll. Il-magħruf epigrammista Dr. Don Giuseppe Zammit kien kiteb l-eloġju bil-Latin li kien hemm ma' dak il-kwadru (58)).

Is-suċċessur tal-Gran Prijur Mons. Fra Salvatore Imbroll kien Mons. Fra Luca Bueno, kappillan ta' Castellania d' Emposta, li f'dak iż-żmien kien inkarigat mill-kanċellerija ta' l-Ordni.

Fl-aħħarnett wieħed isemmi li matul is-snin li l-Ordni kien f'Malta, jiġifieri bejn l-1530 u l-1798, kien hemm sbatax-il Gran Prijur. Barra minn Mons. Salvatore Imbroll, kien hemm żewġ Gran Prijuri oħra Maltin; dawn kienu Fra Giorgio Giampieri (1592-1601) u Fra Albinus Menville (1784-1801).

— TMIEM —


**REFERENZI:**

(49) AOM., Ms. 212, f. 1150; Psaila Cumbo Gius., op. cit., p. 9.

(50) AOM., Ms. 1953, f. 134; MLN. 114 mingħajr paġinazzjoni; Psaila Cumbo Gius., op. cit. p. 9.

(51) MLN. 1142 mingħajr paġinazzjoni.

(52) MLN. 19, f. 230.

(53) MLN. 1142 mingħajr paġinazzjoni.

(54) Dal Pozzo Bart. op. cit., p. 187.

(55) Patri Salelles twieled f' Gandia (Spanja) fl-1576; daħal fil-Kumpanija ta' Ġesù (Ġiżwiti) fl-1590. Ġie Malta fejn baqa' sa ma miet, jaħdem qalb il-Kavallieri. Kien kunsillier tas-Sant'Uffizzju f'Malta u ħabib kbir tad-Delegat Apostoliku Fabio Chigi.

(56) MLN. 1142 mingħajr paġinazzjoni.

(57) MLN. 1142 mingħajr paġinazzjoni.

(58) Ferris A., op. cit., p. 237.


**NOTA**

Dan huwa l-aħħar wieħed fis-sensiela ta' artikli, miktuba mill-kollaboratur tagħna s-Sur Michael Galea, dwar Mons. Salvatore Imbroll. L-artikoli ta' qabel dehru fil-ħarġiet tal-"LEĦEN" tas-7 u l-14 ta' Diċembru, 1985, u ta' l-4 u l-11 ta' Jannar, 1986.